**12 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Maria Schembri et.

*versus*

Gerolamo sive George Mizzi Agius et.

**Kuntratt — Rexissjoni — Vjolenza Morali — Art. 1017, 1020, 1021, u 1022 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Element indispensabbli biex il-vjolenza morali tinfiċja l-kunsens huwa l-illeġittimità tagħha, li tippresupponi att illeċitu; u sakemm ma tiġix adoperata biex jitiieħed vantaġġ superjuri għal dak li jkun dovut, anki l-minaċċja ta' proċeduri ġudizzjarji li l-kreditur ikollu dritt jeżerċita, bħala massima, ma tannullax il-kuntratt.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, premess li b'kuntratt tal-21 ta' Frar tas-sena korrenti 1952 in atti Oscar Azzopardi (li kopja tiegħu tinsab annessa maċ-ċitazzjoni numru 261/1952 fl-ismijiet inversi, pendenti quddiem din il-Qorti, u li kopja oħra tiġi eżibita meta tkun disponibbli) l-attriċi Maria Schembri kkostitwiet ruħha debitriċi versu l-konvenut Gerolamo Mizzi Agius fis-somma ta' £295, u versu l-konvenuta Antonia Mizzi Agius fis-somma ta' £240, b'kawżali li kienet ħadet dawn l-ammonti mill-poter tal-konvenuti mingħajr il-kunsens tagħhom; liema debitu, bl-imgħax tas-6% fis-sena, kellu jitħallas b'rati settimanali ta' 10s. u ta' £1 rispettivament favur il-konvenut u l-konvenuta, bid-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu f'każ ta' morożità; permess li l-atturi l-oħra konjuġi Schembri deħru fuq l-istess kuntratt u kkostitwew ruħhom garanti solidali tal-attriċi l-oħra Maria Schembri; u premess li l-kunsens tal-atturi għall-firma tal-imsemmi kuntratt ġie meħud bi vjolenza mill-konvenuti, billi użaw pressjoni u minaċċja tali li mpressjonaw u beżżgħu lill-atturi li jiġu mqegħda f'perikolu serju; talbu li l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, magħmul fil-21 ta' Frar 1952 in atti Oscar Azzopardi, jiġi dikjarat null u ta'

ebda effett, u dan minħabba vizzju tal-kunsens tal-atturi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Il-kuntratt impunjat huwa dak li sar fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-21 ta' Frar 1952 (fol. 84), fejn l-attriċi Maria Schembri kkostitwiet ruħha ċerta, vera u likwida debitriċi tal-konvenut Gerolamo Mizzi Agius fis-somma ta' £295, u fis-somma ta' £240 a favur tal-konvenuta Maria Antonia Mizzi Agius, għal ammonti ekwivalenti li hi kienet ħaditilhom, u fejn hija obligat ruħha li tirrestitwixxi l-£240 b'rati konsekuttivi u ininterrotti ta' £1 fil-ġimgħa mit-23 ta' Frar 1952, bl-imgħax skalati tas-6% fis-sena u dekorribbli mid-data tal-att, u bid-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu f'każ ta' morożità ta' żewġ rati konsekuttivi jew f'somma ammontanti għal żewġ rati, u obligat ruħha li tirrestitwixxi l-£295 b'rati konsekuttivi u ininterrotti ta' 10s. fil-ġimgħa mill-ewwel ta' Marzu, liema rata tibqa' salġurnata li l-Ammiraljat jagħti l-"bonus" lill--impjegati tad-Dockyard ta' Malta, u minn l-għoti ta' dak il-"bonus" il-quddiem l-istess rata tiġi elevata għal £1 fil-ġimgħa, u tkompli hekk sat-totali restituzzjoni tal-kapital ta' £295 u l-ħlas tar-relattivi nteressi skalati tas-6% fissena dekorribbli mid-data tal-att, u bl-istess dekadenza dwar il-ħlas tal-ammont l-ieħor;

Bl-istess att, l-atturi Giuseppe Schembri u martu Giuseppa Schembri kkostitwew ruħhom garanti solidali ta' binthom Maria Schembri għall-finijiet tal-obligazzjonijiet tagħha fuq imsemmija, u l-kumparenti Schembri ipotekaw "in solidum" a favur tal-kumparenti Mizzi Agius il-beni tagħhom kollha preżenti u futuri. Fl-istess ħin, Mizzi Agius żammew fermi d-drittijiet tagħhom versu Maria Schembri għall-każ li jisibu li hija ħaditilhom ammonti oħra barra dawk imsemmija;

B'ċitazzjoni 261/1952. l-imsemmija Mizzi Agius talbu d-dekadenza tal-imsemmija Schembri mill-benefiċċju tat-

terminu stipulat b'dak il-kuntratt u l-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni tal-istess kuntratt. Il-konvenuti f'dik il-kawża eċċepew in-nullità tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens, u in segwitu għamlu l-kawża preżenti;

B'digriet tat-28 ta' Mejju 1952 din il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Paolo Borg Grech bħala perit legali, biex jirrelata jekk il-pretensjoni tal-atturi hijiex fondata fid-dritt u fil-fatt;

B'relazzjoni tat-30 ta' April 1956 il-perit issottometta illi, għalkemm iċ-ċirkustanzi juru illi, kieku ma kienetx il-minaċċja ta' mezzi legali da parti tal-konvenuti, l-atturi ma kienux jaslu għall-kuntratt impunjat, l-istess ċirkustanzi juru illi l-atturi stipulawh deliberatament u volontarjament, biex jiskunġraw il-possibbilità, u l-eventwali probabbiltà, li l-konvenuti jiddenunzjaw lill-attriċi Maria Schembri, u illi hekk ma tirrikorrix dik il-vjolenza nġusta li skond il-liġi tinfiċja l-kunsens;

Ikkunsidrat;

Il-motiv tal-impunjazzjoni tal-imsemmi kuntratt hu magħmul jikkonsisti fi vjolenza morali dovuta għal pressjoni u minaċċi tali li jimpressjonaw u jbeżżgħu lill-atturi li jiġu mqegħda f'perikolu serju da parti tal-konvenuti;

Mill-art. 1017, 1020, 1021 u 1022 tal-Kodiċi Ċivili jinżlu dawn ir-regoli relattivament għall-każ preżenti:—

1. Il-vjolenza morali tinfiċja l-kunsens, u hi motiv ta' nullità tal-kuntratt, anki jekk tiġi eżerċitata minn persuna differenti minn dik li favur tagħha tkun saret l-obligazzjoni;

2. Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza tkun tali li timpressjona bniedem raġjonevoli, u tikkrea fih il-biża li jiġi nġustament espost, fil-persuna jew fil-proprjetà, għal dannu serju; u f'dal-każ għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni ta' min ikun;

3. Hemm vjolenza anki meta d-dannu mhedded ikun dirett lejn il-persuna jew il-proprjetà tal-mara, tar-raġel, dixxendent jew axxendent tal-parti li tikkuntratta;

Hekk, element indispensabbli biex il-vjolenza tivvizzja l-kunsens huwa l-illeġittimità tagħha, li tippresupponi att illeċitu. Bħala massima, sakemm din ma tkunx ġiet adoperata biex jittieħed vantaġġ superjuri għal dak li jkun dovut, anki l-minaċċja ta' proċeduri ġudizzjarji li l-kreditur ikollu dritt li jeżerċita ma tannullax il-kuntratt. "Il est permis d'employer la costrainte, on du moins certains moyen dc costrainte, pur reálizer un droit, remplir un devoir, obtenir la satisfaction d'un intérêt legitime. Sans dcute le consentement n'est pas moins alteré. Mai, dans la violence come dans la dol, la nullitá n'est pas fondés sur la seule alteration du consentement. Elle est la saction d'un acte illecite, dont elle suppose l'existence" (Plouire-Ripert, Tome VI, p. 239);

L-istess konċett hu espress mill-ġurisprusdenza taljana:— "Quando la causa dell'obbligazione è fondata sulla giustizia non può mai dirsi per violenza dato il consenso, dovendo attenersi alla causa dell'obbligazione, e non al motivo determinante della stessa. Perchè vi sia estorsione di consenso nel senso legale, è d'uopo che il consenso dell'obbligato gli sia stato estorto da una ingiusta violenza. Conseguentemente, qualunque sia il timore del danno che il debitore possa risentire da atti esecutivi legittimamente esperiti in suo confronto, non può trarne argomento per impugnare per vizio del consenso le convenzioni fissate col creditore per sottrarsi alla esecuzione" (Fadda, art. 1111, no. 48, 49, 50, 64). "La denunzia di un reato è l'esercizio di un diritto, e una tale minaccia non può costituire quella violenza morale o materiale che è causa di nullità di un contratto. E' valida la promessa del ladro di restituire la cosa rubata, quand'anche sia fatto sotto la minaccia";

Ikkunsidrat;

Jirriżulta illi l-attriċi Maria Schembri (il-lum mart Antonio Xuereb) kienet serva fid-dar Bormla tal-konvenuta Antonia Mizzi Agius, u kienet tagħmel xogħol anki fid-

dar Wied il-Għajn fejn kien ġeneralment jabita l-konvenut Gerolamo Mizzi Agius. Dan induna li kienu naqsuh xi flus, u meta kellem lil Maria Schembri din għall-ewwel ċaħdet, u wara ammettiet li kienet tmiss il-flus. Fl-istess ħin, anki l-konvenuta sabet oġġetti nieqsa mid-dar. L-attriċi damet mal-konvenuti mat-tliet snin u għaxar xhur, u spiċċat minn magħhom f'Settembru 1951;

Il-konvenuti ppruvaw jirkupraw flushom u kellmu lil Dottor Joseph Galea. Dan bagħat għal Maria Schembri, li marret ma' oħtha. Għall-ewwel ċaħdet li ħadet xi ħaġa, però spiċċat biex fil-31 ta' Ottubru 1951 iddikjarat bil-miktub (fol. 11) li kienet ħadet minn għand il-konvenut mhux anqas minn £32, u mhux anqas minn fountain pen u żewġ lapsijiet tad-deheb u oġġetti oħra, u illi ħadet ukoll mat-£22 lill-konvenuta Antonia Mizzi Agius;

In segwitu, l-attriċi marret għand Dottor Galea, fuq ittra oħra li rċeviet minn għandu, ma' oħtha u ma' missiera, ċjoè l-attur. F'din l-okkażjoni l-attur u oħt Maria Schembri — Carmela Schembri — iffirmaw l-iskrittura a fol. 12, bid-data 10 ta' Novembru 1951, li biha obligaw ruħhom solidalment li jħallsu lill-konvenuti u lil Antida u Agnes Borg is-somma ta' £63 li l-attriċi kellha tagħtihom, bl-imgħax u l-ispejjeż, u anki obligaw ruħhom solidalment "għal kull somma oħra aktar verjuri li jista' jirriżulta li Maria Schembri għandha tagħti lil J.A. Mizzi Agius u qrabatu";

Wara xi pagamenti minn Giuseppe Schembri u Carmela Schembri (f. 27, 28, 29), Dottor Galea bagħat għall-attur Giuseppe Schembri, għall-attriċi Maria u għal oħtha Carmela, fl-14 ta' Diċembru 1951; u fil-15 tal-istess xahar Maria Schembri għamlet l-iskrittura a fol. 13. Hija ddikjarat li mid-dar tal-konvenuti, matul is-sentejn u nofs u sena u erbgħa xhur nieqes xi tliet ġimgħat, kienet tieħu mat-£3 fil-ġimgħa mill-ħwejjeġ u mill-gwardarroba li hi kienet tiftaħ b'ċavetta falza, u mhux anqas minn £20 lill-ħuħom Reverendu Giuseppe Mizzi Agius. Qalet li l-flus kienet tagħtihom lin-namrat tagħha, u hekk tagħtu fuq il-£170;

Fil-21 ta' Frar 1952, wara li kien sfratta darbtejn, sar il-kuntratt impunjat f'dil-kawża. Fl-istess ġurnata, l-attur Giuseppe Schembri għamel l-iskrittura a fol. 15, fejn hu obliga ruħu illi, malli jirċievi mill-Ammiraljat l-arretrati tal-"bonus", hu jħallas lill-konvenut nofs is-somma ta' dak il-"bonus" akkont ta' dak li kellha tagħti Maria Schembri;

Fis-26 ta' Marzu 1952, l-aħwa Agius Mizzi Agius azzjonaw lil Schembri għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt il-lum impunjat;

Ikkunsidrat;

Il-kuntratt in kwistjoni kien l-apiċi ta' sensiela ta' fatti li żvolġew ruħhom matul erbgħa xhur; u meta sar il-kuntratt, Maria Schembri kienet għalqet id-dżatax il-sena;

L-eżami tal-provi fil-kawża ma jwassalx għall-pretensjoni tal-atturi illi l-kunsens tagħhom għall-kuntratt in kwistjoni kien ġuridikament vizzjat b'minaċċi u pressjoni. Sew mill-indizji li kien hemm meta l-konvenuti sabu neqsin il-flus, u sew mill-ammissjonijiet ta' Maria Schembri, din kienet ħaditilhom matul snin ammonti rilevanti; u dan għamlitu b'ħażen tali li rnexxielha ma tinqabadx qabel. Il-minaċċi ta' proċeduri kontra tagħha, magħmula mill-konvenuti jew mil-legali tagħhom, għalkemm jikkostitwixxu pressjoni fuq l-attriċi, ma jammontawx għal fatt illeċitu; għax huma kellhom id-dritt kollu li jinizjaw proċeduri anki kriminali kontra tagħha;

Lanqas ma jista' jingħad li bil-kuntratt fuq imsemmi huma eżiġew minn għand l-attriċi aktar minn dak li hija ħaditilhom, jew li bil-pattijiet dwar il-flus huma avvantaġġjaw ruħhom indebitament;

In kwantu għall-garanzija solidali tal-atturi Giuseppe u Giuseppa Schembri, din ġiet prestata biex jiġu evitati proċeduri kriminali kontra binthom Fiha nnfisha din il-motivazzjoni ma tistgħax tissejjaħ ir-riżultat ta' kawża

illeċita, u ċ-ċirkustanzi li akkompanjaw din il-garanzija mhumiex tali li jirrendu ngusta u illeċita l-pressjoni natura'ment eżerċitata fuq l-atturi mill-pożizzjoni prekarja ta' binthom. Huma kellhom l-interess kollu li jsalvaw lillbinthom, u kien għalhekk biss li assumew l-obligazzjoni Il-kuntratt dam mal-erbgħa xhur biex immatura, u sfratta darbtejn billi l-atturi ma resqux għalih. Gie deċiż mill-Qrati Taljana, (Fadda, art. 1111, numri 66 u 67) illi:—"Non ha per base una causa illecita, nè può dirsi l'effetto di una ingiusta pressione esercitata sull'animo del contraente in modo da rendere viziato il consenso l'atto debitorio stipulato dal padre a favore di chi aveva subito una appropriazione indebita e un furto da parte del figlio, onde il danneggiato non si costituisca parte civile e il figlio potesse godere dei benefici di cui all'art. 432 C.P.". "Non può dirsi nulla per violenza o do'o l'obbligazione assunta per biglietto all'ordine del padre per tenere indenne il terzo del reato (appropriazione indebita) commesso dal figlio, quantunque da parte del terzo creditore, per ottenere il rilascio del biglietto, si fosse promesso che il figlio non avrebbe avuto mo'estia in via penale";

Il-konvenuti kellhom id-dritt jikkawtelaw il-kreditu tagħhom kontra Maria Schembri per mezz ta' garanzija li tissoddisfahom; u ma jistgħax jingħad li kienet vizzjata l-obligazzjoni assunta mill-ġenituri ta' Maria Schembri, ankorkè biex jevitaw inkwiet lilha u lilhom stess. Huma ma ġewx sorpriżi u darbtejn sfratta l-kuntratt billi huma ma resqux għall-att. Ebda vantaġġ indebitu ma rriżulta li ħadu l-konvenuti fuq l-atturi — nies tad-dinja u ta' maturità — bil-kuntratt in kwistjoni;

Il-Qorti, għalhekk, tadotta l-konklużjonijiet peritali;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba ta'-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.